

32003L0108

31.12.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 345/106

**ID-DIRETTIVA 2003/108/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL****tat-8 ta' Diċembru 2003****li temenda d-Direttiva 2002/96/KE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (STEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkonsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarmen l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkonsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkonsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekomomiku u Soċjali Ewropew (¹),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat (²),

Billi:

- (1) Waqt il-proċedura ta' adozzjoni dwar id-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (STEE) (³) kien hemm xi tħassib dwar il-possibilt\_ ta' implikazzjonijiet finanzjarji mill-kliem ta' l-Artikolu 9 ta' dik id-Direttiva għal produkturi tat-tagħmir konċernat.
- (2) Fil-laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ta' l-10 ta' Ottubru 2002 dwar dik id-Direttiva il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni esprimew l-intenzjoni tagħhom f'Dikjarazzjoni Kongu ta' jeżaminaw il-kwistionijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-Artikolu 9 ta' dik id-Direttiva, dwar finanzjament fir-rigward tal-STEE minn utenti għajnej djar privati, kemm jista' jkun malajr.
- (3) Skond id-Dikjarazzjoni Kongu, il-Kummissjoni eżamnat l-implikazzjonijiet finanzjarji għal produkturi li jirriżultaw mill-kliem attwali ta' l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/96/KE, u sabet li l-obbligu ta' teħid lura għal STEE imqiegħed fis-suq fl-imghoddha joħloq responsabbilt\_ retroattiva li dwarha ma kienet saret ebda disposizzjoni u li aktarx ser tesponi ċerti produkturi għal riskji ekonomiċi serji
- (4) Biex jiġu evitati riskji bħal dawn, ir-responsabbilt\_ finanzjarja għall-ġbir, trattament, użu mill-ġdid, ir-kuprar u riċiklaġġ ta' STEE minn utenti għajnej djar privati mqiegħda fis-suq qabel it-13 ta' Awwissu 2005 għandha tkun tal-produkturi meta jissupplixxu prodotti ġodda biex

(¹) ĠU C 234, tat-30.9.2003, p. 91.

(²) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ottubru 2003 (għad mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2003.

(³) ĠU L 37, tat-13.2.2003, p. 24.

jissostitwixxu prodotti ta' tip ekwivalenti jew li jaqdu l-istess funzjonijiet. Meta skart bħal dan ma jinbidilx bi prodotti ġodda, ir-responsabbilt\_ għandha tkun ta' dawk l-utenti. Stati Membri, produkturi u utenti għandu jkollhom il-possibilt\_ li jagħmlu arrangiamento oħra.

(5) Skond l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2002/96/KE, Stati Membri għandhom idħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' dik id-Direttiva sat-13 ta' Awwissu 2004. Biex jiġi evitat il-bżonn ta' emendi fil-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri adottata sa dik id-data, din id-Direttiva għandha tīgi adottata kemm jista' jkun malajr u implementata fil-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri fl-istess ħin bħad-Direttiva 2002/96/KE.

(6) Id-Direttiva 2002/96/KE għandha tīgi emendata skond dan,

**ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:**

### **Artikolu 1**

L-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/96/KE tinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 9

#### **Finanzjament fir-rigward ta' STEE minn utenti għajnej djar privati**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi, sat-13 ta' Awwissu 2005, il-finanzjament ta' l-ispejjeż dwar ġbir, trattament, irkuprar u r-rimi skond ħtiġjiet ambjentali ta' STEE minn utenti għajnej djar privati ta' prodotti mqiegħda fis-suq wara t-13 ta' Awwissu 2005 għandu jsir mill-produkturi..

L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi, sat-13 ta' Awwissu 2005, dwar STEE minn prodotti mqiegħda fis-suq qabel it-13 ta' Awwissu 2005 (skart storiku), il-finanzjament għall-ispejjeż ta' amministrazzjoni ikun kif preskritt fit-tielet u r-raba' sub-paragrafi.

Dwar skart storiku mibdul bi prodotti ġodda ekwivalenti jew bi prodotti ġodda bl-istess funzjoni, il-finanzjament ta' l-ispejjeż għandu jkun ir-responsabbilt\_ tal-produkturi ta' dawk il-prodotti meta jfornuhom. L-Istati Membri jistgħu, alternativament, jiddisponu li utenti għajnej djar privati ikunu wkoll responsabbi, parżjalment jew totalment, għal dan il-finanzjament.

Dwar skart storiku ieħor, il-finanzjament ta' l-ispejjeż għanu jkun ir-responsabbilt\_ ta' l-utenti għajnej djar privati.

2. Produtturi u utenti għajr djar privati jistgħu, bla īxsara għal din id-Direttiva, jikkonkludu ftehimiet li jistipulaw metodi oħra ta' finanzjament"

### *Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

### *Artikolu 2*

Stati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sat-13 ta' Awwissu 2004. Għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan minnufi.

Meta Stati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikun hemm magħhom referenza bħal din meta ssir il-publikazzjoni offiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

### *Artikolu 4*

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fit-8 ta' Diċembru 2003.

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

P. COX

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. FRATTINI